**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 10 ta' Lulju 2019**

**Rikors Numru : 124/2019JPG**

**Kawza Numru : 25**

**MB**

**vs**

**LA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' MB, datat 8 ta' Marzu 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewwgu fl-ghaxra (10) ta' Frar elfejn u sebgha (2007) registrat bin-numru progressive disgha u sebghin zbarra tas-sena elfejn u sebgha (2007) (79/2007) (Dok A) u ghandhom tlett itfal : L maggjorenni, K u C t-tnejn minorenni.*

*Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt ippubblikat minn Nutar Dottor Rachel Mallia fl-ghoxrin (20) ta' Ottubru elfejn u erghatax (2014) (DOK B);*

*Illi l-partijiet ilhom hames (5) snin jghixu hajja separata;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi ilhom snin mifrudin u illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi ma hemm ebda problema dwar il-manteniment dovut peress illi dan qed jithallas*

*regolarment.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet; u*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehu l-passi kollha necessarji biex dan id-digriet ta' divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' LA, datata 11 ta' April 2019, a fol 12 li taqra hekk:

*Illi permezz taghha tinforma lil dina l-Onorabbli Qorti li hija ma topponiex ghat-talbiet tal-atttur, b'dana illi l-esponenti ma ghandhiex tbaghti spejjez.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**MB** xehed illi l-partijiet izzewgu fl-10 ta' Frar 2007, u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fl-20 t'Ottubru 2014 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tlett itfal, li tnejn minnhom ghadhom minorenni, u versu liema jithallas manteniment b'mod regolari. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi

l-partijiet ilhom jghixu hajja separata ghal circa hames snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**LA** xehdet u kkonfermat u kkorroborat ix-xhieda moghtija mir-rikorrent.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-10 ta' Frar 2007, (vide Dok A fol 2) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tliet ulied;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Rachel Mallia datat 20 t' Ottubru 2014 (vide Dok.B fol 3 et seqq.);

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat inoltre illi l-partijiet ilhom jghixu hajja separata ghal aktar minn erba' snin, u tqis li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**